# 55. Il-Kappella tal-Paċi

Madonna tal-Paċi,
ġejt sibtek hawn f'kappella
mitlufa qalb l-għelieqi,
qalb il-ħarrub u r-rziezet tal-Karwija,
fit-tarf ta' mitjar
tal-ħarb mitluq.

X'ħemda!
xi skiet u paċi!
Il-ħoss biss tisma'
tar-riħ qalb il-ħarrub,
jew pitirross ipetpet;
iżda tar-riħ l-infieħa
u l-għanja tal-għasafar
ħsejjes m'humiex iżda tħannina ħelwa
tal-ħemda,
tas-skiet u l-paċi.

U l-ħemda l-ħsiebi tieħu
fit-toroq tal-imgħoddi,
tal-lum u għada.

Fis-sqajjaq ta' razzett hemm xwejħa wħidha
fix-xemx tixxemmex
bil-qiegħda fuq banketta
b'kuruna f'idha.
X'ħemda!
tisma' biss kultant lil xi tiġieġa
tqaqi bil-ferħa
għax biedet bajda,
inkella nagħġa tingħi
b'rasha mix-xatba 'l barra
għax trid il-għalf.
'Mma l-leħen ta' tiġieġa u ta' xi nagħġa
ikompli jżid il-ħemda,
is-skiet u l-paċi.

X'ħemda madwar ix-xwejħa!
iżda fil-widnejn torox

tax-xwejħa Katarin għad jidwu l-ħsejjes
tal-ħajja tal-imgħoddi.
Fuq wiċċha, taħt ir-raded
tal-moħriet tax-xjuħija
għad hem mil-fdal tal-ħmura
ta' tfajla ħelwa.
Għajnejha kbar u żoroq
żewġ qatriet jiddu
mill-baħar ta' ġol-Għar f'Wied iż-Żurrieq.
U b'xejn ma tista' tinsa
Katrin
il-ħajja tal-imgħoddi,
għax għadha tgħix il-ħajja
tan-nanniet tagħha:
l-ilma li tixrob
ittellgħu minn ġol-bir;
darha bil-lejl iddawwal
bil-lampa tal-pirolju,
u l-ħalib għadha tixrob
minn driegħ il-mogħża.

Katrin il-ħsejjes
f'widnejha għadha tisma'
tal-jum il-btala
ta' Santa Katerina…
il-vara ħierġa,
qniepen idoqqu,
il-banda bis-sħiħ tagħti,
it-tfal ikantaw l-innu,
sparer ta' trikkitrakki
u ta' murtali,
u fost il-geġwiġija
ta' dawn il-ħsejjes kollha
il-leħen tal-qubbajd irqiq jinstema':
lewż u ġunġlien.
Taħt il-għonnella
ġlekk ikħal bħal għajnejha
miksi bid-deheb:
barbazzal twil,
u labra kollha fosos u djamanti,
par brazzuletti ħoxna,
u par imsielet
la mandolina.

Mill-wiċċ imqaddes
ta' Santa Katerina
Katrin għajnejha tefgħet
fil-fila ta' quddiemha.
Rat żagħżugħ sbejjaħ
b'għajnejh imdawla bi tbissima ħelwa
ċassi fuq wiċċha…
Kien Pawlu…
Katrin baxxiet għajnejha.

Flimkien ma' sħabha
bid-deheb miksija,
bi ġlekk aħmar jew aħdar,
Katrin telqet lejn darha.
Saqajn Katrin u sħabha
kienu mdorrija jimxu
ħafjin
qalb ġebel u qalb tub
u ftit kienu jifilħu
għall-għafsa taż-żarbun.
Għalhekk ilkoll,
hekk kif ħallew il-misraħ
dlonk neżgħu iż-żarbun,
u bih f'idhom waħda,
bil-qubbajd fl-oħra,
baqgħu mexjin.
Ġgajta ta' żgħażagħ
telqu warajhom
jgħajtu, jidħku, jitbellhu
u jsaffru xi tisfira…
Fosthom kien Pawlu.

Il-Ħadd ta' wara
Katrin kienet id-dar,
u f'daqqa waħda
semgħet id-daqq u l-għana ġejjin lejha.
Firxet fit-tieqa
b'minkbejha bejn il-qsari
tal-ħabaq u tal-qronfol.
Rat qatgħa mħallta
ta' żgħażagħ u ta' rġiel
u fosthom
tnejn bil-kitarra

u żagħżugħ b'idu ma' widnejh igħanni…
kien Pawlu.

Ixrifli, ħanina, ixrifli,
ixrifli minn bejn il-qsari;
aqta' warda w ixħethieli,
inklele' ma mmur lejn dari.

Fejn ġibuni kapriċċija,
fejn ġibuni s-sbieħ għajnejk;
donnok tfajtli l-ankri f'qalbi,
kull ma mmur ninġibed lejk.

Ej ħanina ngħannu għanja
u ngħannuha t-tnejn flimkien;
nixtieq, maħbuba ta' qalbi
tħobbni nofs li nħobbok jien.

Ejja 'l hawn, la tibżax minni,
bil-katina ma norbtokx;
notbtok biss bl-għeruq ta' qalbi,
f'ħajti kollha ma nħollokx.

Katrin mistħija
'il ġewwa nġibdet,
u l-qatgħa baqgħet sejra;
'mma kif mal-kantuniera
il-qatgħa daret,
fil-għorfa ta' Katrin instemgħet għanja
ħierġa mill-qalb:

Il-warda taċ-ċentufolju
mistoħbija qalb il-weraq;
qalbi għal kulħadd magħluqa,
għalik biss miftuħa beraħ.

Kieku taf kemm jien inħobbok,
kieku żżommni fuq idejk;
titmagħni b'biċċa minn qalbek,
tisqini bid-dmugħ t'għajnejk.

Qalbi w qalb ħanini waħda,
b'żigarella marbutin;

il-mewt biss trid tkun għalina
biex itħollna minn xulxin.

Wara sitt xhur
Katrin, Pawlu
tgħarrsu u żżewġu.
Iżda f'taż-żwieġ il-kitba
missier Katrin
il-patt għamel lil Pawlu
li ta' kull sena
irid jieħu lil martu
fix-xitwa l-Karnival, fis-sajf l-Imnarja.

Fil-widnejn torox
ta' Katrin
għad jidwu l-ħsejjes tal-parata l-kbira
Maltin u Torok
ġo Misraħ il-Palazz…
jissieltu ma' xulxin
bix-xwabel tal-injam…
tik-tik, tik-tik, tik-tik…
Malta,
tfajla sabiħa,
toħroġ rebbieħa,
u tidħol f'nofs il-misraħ
merfugħa fuq bradella…
u tibda ż-żifna
ferrieħa tal-Maltija.

Fil-widnejn torox
ta' Katrin
għadhom qed jidwu l-ħsejjes tal-Imnarja
Lejlietha,
f'xi tlieta,
Pawlu kien jarma ż-żiemel
bix-xidd il-ġdid,
b'ħannieqa ġlieġel
ma' għonq iż-żiemel,
b'mitraħ tat-tiben
għal Katarin u t-tfal
fuq karrettun tal-molol,
u ċlikki ċlikki
bid-daqq tal-ġlieġel,

u ċeqlem ċeqlem
jitlaq lejn il-Buskett,
u fil-wied jasal xħin ikun ser jidlam.
X'wirja sabiħa
t'għelejjel u ta' bhejjem!
żinżill u ħawħ u bajtar ta' San Ġwann,
u ħxejjex ta' kull xorta;
baqar, u nagħaġ u mogħoż
bi drieghhom roża mimli,
u gniedes kbar marbuta ma' xi siġra,
sriedaq, dundjani u papri
u l-ġid kollu
ta' din il-gżira!
Fuq il-Palazz,
u fuq kull ħajt
il-fjakkli bdew jixgħelu;
u taħt kull siġra
imnara.
X'mixgħela ħelwa!
x'Imnarja!
Bdiet tielgħa r-riħa
ta' fniek qegħdin jinqlew
fuq il-fuklar
madwar is-siġar.
Kielet in-nies u nfatret
u kollha ndiet tinġabar
fil-misraħ ċkejken
ħa tisma' l-għana.
Par wara par
telgħu jissieltu
l-għannejja kollha;
in-nies tidħak u ċċapċap,
sakemm fl-aħħar
wieħed bil-ħila
tat-taqbila
u ta' lsienu niggies
ħareġ rebbieħ!

X'ħemda!
Xi skiet u paċi!
U l-ħemda tkompli tieħu
lil ħsiebi
fit-toroq tal-imgħoddi.

Lejn il-mitjar indur
tal-ħarb mitluq.
Ħakkiem barrani
witta biċċa mir-rziezet ta' Bengħisa
u l-knisja tal-Karwija
biex bena dan il-mitjar.
U ġew il-għodod
tal-ħarb bil-ħsejjes tagħhom
u ġiet il-gwerra,
u din il-ħâra
saret infern …
twerdin ta' ajruplani,
tfaqqigħ ta' bombi u mini,
sparar sfiq ta' kanuni,
Malta bdiet titriegħed
sa minn għeruqha.
It-tifel ċkejken
ta' Katarin
safa maqtul minn bomba
waqt li d-dar kien sejjer.
Katrin u Pawlu
kellhom malajr jitilqu
u jmorru jgħixu 'l bogħod taħt kenn fil-blat,
u għal tliet snin
jorqdu bil-ġuħ fil-kesħa,
bil-ħakk miksija,
bil-biża' mwerwra
ġol-umdità tal-kenn!
Għaddiet il-gwerra,
u l-barrani
ma kellux iżjed bżonn ta' dan il-mitjar.
Marru s-suldati
u n-nisa tagħhom,
u djarhom vojta.
It-tliet ulied
ta' Katarin u Pawlu
sfaw mingħajr xogħol,
kellhom isiefru,
u llum jinsabu t-tlieta ġol-Awstralja.
L-imħażen griżi kbar tal-ajruplani
illum magħluqa.
X'ħemda
ittaqtaq xi gamiema

fil-korsa twila griża tul il-mitjar,
u bilbla ssaffar fl-għoli
fejn dari kienu jwerdnu l-ajruplani!
Il-Knisja tal-barrani
baqgħet battala,
u dħalt int tgħammar fiha
Madonna tal-PaċI,
u l-knisja nbidlet
f'ħanut ta' ħidma
kbira għall-paċi,
taħt it-tbissima ħelwa
ta' Papa Ġwanni.
Kliemu fejjied
mal-bieb tal-knisja: -
"Uliedi ftakru
biss f'dak illi jgħaqqadkom,
u mhux f'dak li jifridkom."
Madwar il-knisja
wita sabiħa
fejn nhar ta' Ħadd in-nies
jiġu jilagħbu bil-ballun u l-boċċi,
u mbagħad iżuru lilek,
Madonna tal-PaċI,
fit-talb magħquad.
U jiġu l-barranin
ta' kull nazzjon,
u fil-korsija
tal-knisja tiegħek
jiltaqgħu birx jitħaddtu
fuq xogħol u titjib ieħor.
Il-paċi hija
żvilupp, progress tal-popli,
kif għallem sewwa
il-Papa Ġwanni.

X'bidla, Mulej!
Oh kemm nixtieq, Madonna,
illi l-kappella tiegħek
ta' Malta tkun ix-xbieha!
Il-bieb tal-Knisja
niftaħ bil-mod
u għar-rkobtejja
nitlob bil-ħerqa:

Imur il-ħarb, Mulej,
minn Malta tagħna,
imorru l-għodod tiegħu,
minn flokhom jidħlu
għodod il-paċi,
xogħol u titjib u reqqa.
Madonna tal-PaċI,
b'dik sieqek safja
ir-ras int isħaq
ta' serp il-mibegħda,
minn qalbek xerred
l-imħabba għall-ġirien u l-popli kollha.
Bierek, Madonna,
kif dejjem int berikt,
lil Malta ġdida,
kappella tal-Paċi
f'nofs il-Mediterran!

Noħroġ mill-Knisja…
X'ħemda!
Xi skiet u paċi!
Il-ħoss biss tisma'
tar-riħ qalb il-ħarrub
jew pitirross ipetpet;
iżda tar-riħ l-infieħa
u l-għanja tal-għasafar
ħsejjes m'humiex iżda tħannina ħelwa
tal-ħemda
tas-skiet u l-paċi.

Naqbad it-triq
bil-mod il-mod lejn dari,
'mma ta' kull darba
ikolli nerġa' nħares
lura lejn il-Kappella
sakemm tgħib qalb il-ħdura!

Iżda f'widnejja
qed nisma' innu,
ma nafx jekk hux tal-anġli
jew inkella
tal-ġens il-ġdid lil Malta ġdida tagħna:

Ħabbewk missirijietna, Malta Ommna;
mijiet ta’ snin issieltu wisq qalbiena
biex jagħtuk l-akbar ġieħ – il-ħelsien tiegħek
mill-madmad tal-barrani mingħajt ħniena.

Illum int tinsab ħielsa, Malta Ommna,
quddiem il-ġnus qatt isbaħ ma deher ismek
bi lsien l’hu tiegħek biss, bi ħsieb ħieles,
lill-barranin qatt iżjed ma tbiegħ ġismek.

Aħna l-Maltin ilkoll imħejja nċarċru
demmna għalik u naħdmu għalenija
biex int timxi ‘l quddiem fir-riżq u r-reqqa,
u tkun int art is-sliem, Malta Maltija.

*8-11/12/71, 1/1/72*